MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Numru 40/2014

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borg

vs

Jason Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 223783m akkuzat talli;

> nhar l-01 t’Awissu 2013 u fi granet wara din id-data, f’dawn il-gzejjer approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilek minhabba kariga jew servizz tieghek, li jammonta ghal aktar min €232.94 imma inqas minn €2329.37 ghad-dannu ta’ Federated Mills pls u/jew Alexander Meilak;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati;

Rat l-Artikolu 293, 294, u 310 (1)(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 u 24 tal-Kap 446. Tillberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli  bi prigunerija zmien tlett snin mill-lum u zmien sena biex ihallas lil Dirk Farrugia l-ammont ta' €508.71.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------